MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1198/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Hasam Samuel Ezzeldin**

**ID Nru. 261199 (M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra **Hasam Samuel Ezzeldin** ta’ 17 -il sena imwieled il-Pieta` fit-2 t’ Awwissu, 1999, iben Aly Hassan Ezzeldin u Nadia Al Sous Rapinett,

residenti Assisi Crt., Flat 3, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 261199 M;

Akkuzat talli fis-17 ta' Marzu, 2014 ghal habta tad-2100 hrs gewwa San Pawl il-Baha flimkien ma persuna/i ohra:

1. Ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Angela Eve Reid ta' nazzjonalita Ingliza liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Valur li ma jiskorris l-ammont ta' €2329.37 u bil-Hin;

2. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghud l-hajja ta' Angela Ever Reid f' periklu car, kkagunajtu hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Angela Eve Reid liema hsara giet kklassifikata bhala gravi minn Dr. Thea Chetcuti (Med Reg 3330);

3. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat u cioe` mobile *smart phone* jew xjentement, b' kull mod li jkun, indhalt biex tbieghu jew tmexxieh;

Nhar l-14 ta' Settembru 2014 f' xi hin wara it-2000hrs gewwa Sunflower Hotel sitwat fi Triq Garcia De Toledo, San Pawl il-Bahar b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differienti, li jiksur l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

4. Ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minn gewwa karma bin-numru 105 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' €2329.37, bil-Lok u bil-Hin ghad-detriment ta' Richard Alexander Geluk, Cathrina Elizabeth Loogman ta' nazzjonalita Olandiza u/jew persuna/I u/jew entitajiet ohra;

5. U kif wkoll ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minn gewwa karma bin-numru 106 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' €2329.37, bil-Lok u bil-Hin ghad-detriment ta' Miroslav Polackova, Miraslav Polacek ta' nazzjonalita` Cekoslovakka u/jew persuna/i u/jew entitajiet ohra;

Nhar it-12 ta' Novembru, 2014 ghal habta tas-0200hrs gewwa San Pawl il-Bahar, flimkien ma persuna/i ohra;

6. Ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minn fuq il-persuna ta` Ilse Horeman Buld ta' nazzjonalita Awstrijakka liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' €2329.37 u bil-Hin;

7. U aktar talli fl-istess cirkostanzi xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat jew xjentement, b' kull mod li tkun ndhalt biex tibieghhom jew tmexxihom;

Nhar is-17 ta' Novembru, 2014 ghal habta ta' 0451hrs gewwa Bocci Club, sitwat fi Triq Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, flimkien ma persuna/i ohra:

8. Ikkommettejt serq ta' nbid, birra u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz u bil-Hin ghad-detriment ta' Joseph Micallef u/jew persuna/i u/jew entita u/jew entitajiet ohra;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' Joseph Micallef u/jew persuna/i u/jew entita u/jew entitajiet ohra;

F' xi jum matul ix-xahar ta' Novembru 2014, wara l-1700hrs gewwa San Pawl il-Bahar flimkien ma persuna/i ohra:

10. Bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq minn gewwa residenza mhux maghrufa, wrejt dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma

giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghek u li kieku sar kien ikun u li kieku sar kien jkun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur, bil-Lok u bil-Hin ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

11. U aktar talli volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' persuna/i mhux maghrufha;

Nhar l-4 ta' Dicembru, 2014 fl-1000hrs:

12. Nqast milli tidher fl-Ufficcju ta' l-Ispettur James Grech gewwa l-Kwartieri General ital-Pulizija, Floriana, hekk kif ordnat mill-ufficjal tal-kustodja nhar it-28 ta' Novembru, 2014 u dan ai termini ta' l-Artikolu 355AL (4)(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat.

Rat l-Artikoli kollha tal-Ligi.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat u l-eta ta' l-istess akkuzat.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

Wara li spjegatlu l-portata ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u l-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorti regghet semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi.

Fic-cirkostanzi, wara li qieset il-fatti kollha tal-kaz, il-Qorti qieghha ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha u tikkundannah piena karcerarja ta’ sentejn, liema sentenza hija sospiza ghal erba snin u bl-applikazzjoni ta’ l-Art 28G tal-Kap. 9 u l-Art 7 tal-Kap 446.

Il-Qorti qieghdha tohrog ordni sabiex l-akkuzat jitqieghed that supervizzjoni ghal perjodu ta’ erba snin u l-akkuzat ghandu joqghod ghall-ordnijiet u struzzjonijiet li jigu lilhu moghtija minn zmien ghal zmien u fost affarijiet ohra ghandu jassikura ruhu li jattendi ghal klassijiet kollha skolastici li ghandu u jittermina l-perjodu skolastiku tieghu.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ l-isem u mhux tal-fatti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------